**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY J. VELLA BA.,LL.D.,MA**

**ILLUM 26 ta' Novembru 2015**

**SPETTUR**

**Jonathan Ransley**

**VS**

**Duncan Buttigieg**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Duncan Buttigieg ta' 33 sena, miwleied Pieta' fit- 3 ta' Mejju 1983, residenti 25, Triq Dun Guzepp Naudi, Hal- Ghaxaq u detentur tal- Karta tal-Identita' bin-numru 244783M;

Talli f'xi hin fit- 18 ta' Mejju 2015 u l-25 ta' Mejju 2015 fl- Msida u Sliema;

1) B’mezi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi ura haga b’ ohra sebix igieghel jitwmmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta’ haddiehor tas-somma komplessiva ta’ €1,000 u dan ghad-dannu ta’ Jesmond Azzopardi u/jew persuni ohra;

2) Ghamel xi qliegh iehoq b’qerq, mhux imsemmi fl-Artikolu ta’ qabel dan is-sub titolu ghad-dannu ta’ Jesmond Azzopardi u/jew persuni ohra;

3) Sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi li din l-istess ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 308, 309, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah piena ta' disa' (9) xhur prigunerija.

Din il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**